IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1939

# IL-ĦSIEB U L-KELMA

Il-kelma letterarja, bħalma għidna drabijiet oħra, hi l-libsa — mhux il-għata — tal-ħsieb.

Kulħadd jifhem illi l-ġmiel ta' ħaġa jinsab l-ewwelnett u l-aktar fil-ħaġa nfisha; iżda ħadd ma jista' jiċħad illi l-lbies jista' jżid u jnaqqas bil-bosta dak il-ġmiel.

Xebba tista' tkun sabiħa fiha nfisha, iżda jekk tlibbisha lbies xieraq fil-lwien, eżatt fit-tifsila, tajjeb fil-qagħda, il-ġmiel tagħha jikber, u meta hi tgħaddi fit-trieq bil-pass tagħha naturali, ħieles u mhux la twil anqas qasir għaltapposta, din ix-xebba tisraq il-qalb ta' kull min jaraha u l-għajnejn jimxu warajha sakemm hi ma tgħibx minn ħarsithom. Imma libbisha lbies ta' lwien igħajtu u mqabblin ħażin, imfassal bla sengħa, imġebbed u mxattar li jibki fuqha, n inti tara li l-ġmiel tagħha kollu bħal igħib ġo sħaba mdardra, u minflok ma jimxi magħha s-skiet tar-rispett u tal-għaġeb, titbissem qârsa d-daħka tad-disprezz u xi kelma ta' tmaqdir minn taħt minn taħt tinsama' wkoll.

Hekk il-ħsieb. Dan jista' jkun sabiħ, għoli, oriġinal, iżda jekk imlibbes ħażin, jitlef bosta minn ġmielu, jitlef ħafna minn ġieħu u flok ma jiġbed u jħajjar u jgħaġġeb lil min jaqrah, iġiegħlu, jekk hu bniedem

li ma jgħaddix b'kollox, ikemmex xofftejh, idawwar ħsieb imdagħdagħ lejn min kiteb u jwarrab minnu dak il-ħsieb sabiħ, iżda mlibbes imċerċer bħal tallab jew imżewwaq bla ħajr bħal purċinella.

Biex nagħtu xi wiri: liema ħsibijiet aktar għoljin u aktar sbieħ minn dawk tar-reliġjon tagħna, tal-misterji tal-Fidi nisranija? liema aktar ħelwin mill-egħġubijiet tal-ħajja tal-Madonna u tal-Qaddisin bis-safa' tagħhom, bil-qawwa tagħhom, bl-egħmejjel tagħhom? Iżda kemm hu rari, jaħasra, li ssib dawk il-ħsibijiet imlibbsin kif jixirqilhom u kif titlob is-sengħa tal-kitba! Kemm ġmiel u kemm ħajr jitilfu dawk il-ħsibijiet qaddisa għaliex imlibbsin bla qies u bla sengħa—kliem imġebbed, mitfugħ kif ġie ġie, jew aktar wasa' jew aktar dejjaq milli jmissu, imħallat ma' self barrani bla bżonn, u x'nafu aħna kemm ftietaq oħra!

Xi ngħidu mbagħad jekk dawn il-ħsibijiet ikunu jridu jintisġu f'dik is-sura ta' poeżija magħrufa bl-isem ta' kurunelli?! Tħoss ferħ ġo ħsiebek u għaxqa ġo qalbek meta tinzerta xi waħda minn dawn il-għamliet ta' talb miktuba tajjeb u mqiegħda f'ritmu ta' poeżija xierqa; iżda kemm u kemm jaħasra minn dawn il-kurunelli, maħżużin aktarx minn dilettanti jew minn min tas-sengħa tal-kitba ma għandu ebda ħjiel, jidhru b'wiċċhom minn quddiem f'xi kotba tat-talb, biex idaħħku lil dawk li għandhom ras biex jaħsbu u qalb biex iħobbu, u ma jiswew xejn, ħlief għall-mogħdija tażżmien, lil dawk li għandhom xofftejn biex igħidu u jtennu, iżda ma għandhom ebda qawwa ta' ħsieb anqas ħeġġa ta' mħabba!

Jiftakru ż-żgħażagħ tagħna: il-ġmiel ta' ħaġa u u l-ġmiel ta' ħsieb jinsab l-aktar fihom infushom; iżda dan il-ġmiel jista' joktor u jirtoqom iżjed, inkella jitkagħbar u jitħassar bil-lbies li wieħed jitfagħlu fuqu.